MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru. 696/2006

IL-PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
SIMON PACE
ALFRIDA PACE
ROSETTE BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, Simon Pace ta’ 33 sena, iben Carmelo u M’Dolores nee’ Stone, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Frar, 1973, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 112673(M) u residenti Flat 3 Block I, Bini tal-Gvern, Hamrun.

Alfrida Pace ta’ 33 sena, bint Amadeo Borg u Josephine nee’ Caruana, imwielda Pieta’, fit-23 ta’ Awwissu 1972,

detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 386872(M) u residenti Flat 3 Block I, Bini tal-Gvern, Hamrun.

Rosette Borg ta' 27 sena, bint Amadeo Borg u Josephine nee' Caruana, imwielda Pieta' fil-15 ta' Ottubru 1978, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 540078(M) u residenti Block W, Flat 6, Triq l-Iljun Marsa.

Billi huma akkuzati talli nhar it-2 ta' April 2006 ghall-habta ta' 00.30hrs fi Triq San Patrizju fis-Seaside Parking Area ta' Birzebbugia, minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghedu l-hajja ta' Martin Zammit mill-Imsida f'perikolu car, ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Martin Zammit liema offiza iggib mankament jew sfregju, jew ferita perdurata kif iccertifikat Dr. Sharon Zammit (reg.2834) tat-taqsima ta' l-emergenza SLH bi ksur ta' l-Artikolu 214, 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rosette Borg wahedha, akkuzata talli kisret kundizzjoni mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta ppreseduta mill-Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D. li ggib d-data ta' l-20 ta' Marzu 2006 liema sentenza giet definittiva fl-istess data.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal- imputati sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Agius jirrizulta illi l- kwerelanti Martin Zammit irregistra rapport lil Pulizija dwar feriti ta

natura gravi in segwitu ta glieda li sehhet fis- Sea Side Bar Birzebbuga bejnu u l-imputati.

Spettur Agius xhed illi l-imputat Simon Pace kien xurban, kien hareg flimkien ma bintu, li strahu hdejn karozza, u gew insultati minn kwerelanti u tfajla. Alfrida Pace, mart Simon Pace, talbithom ghar-raguni ta dawn l-insulti u giet aggredita permezz ta'daqqa ta ponn. Illi ghaldaqstant Simon Pace iddefenda lil martu u sehhet glieda bejn il-partijiet.

Rosette Borg ikkonfermat il-verzjoni ta Simon Pace.

L-istqarriji tal-imputati gew esebiti ummarkati bhal JA1, JA2, JA3,

Fl-istqarrija tieghu Dok JA1 a fol 18 et seq, l-imputat Pace xhed li meta mar jiddifendi lil martu li kienet qalet daqqa ta ponn, iben Martin Zammit u sitta ohra, daruh u bdew isawtuh il-ghaliex hu kien ragel wahdu ma zewg nisa. Pace ma setax jghid kif Martin Zammit spicca bil- kustilji miksura.

Fl-istqarrija taghha, Alfrida Pace ikkoroborat l-istqarrija ta Simon Pace, ikkonfermat li hija sofriet *black eye* mid-daqqa ta ponn illi qalet minghand Martin Zammit u ikkonfermat li l-kwerelanti cartulha l-hwejjeg tqghha waqt il-glieda.

Rosette Borg fl-istqqarrija taghha JA3 a fol 22 stqarret illi hija kienet qed tiehu drink fil-vicinanzi tal-vettura ta kulur blue; li kien hemm mara li qaltilha biex twarrab minn hdejn il-karozza il ghaliex hasbet illi Borg, Simon u Alfrida Pace kienu qeghdin jiggieldu u li setghu jaghmlu xi hsara fuq din il-karozza.

Rosette Borg stqarret illi huma meta jitkellmu jghajjtu minnhom izda fl-ebda hin ma kienu qeghdin jiggieldu. Dan sehh biss wara illi hargu jinsulentawhom il- kwerelanti u aggredew lil Alfrida Pace permezzi ta daqqa ta ponn f' wiccha . Illi hemmhekk Simon Pace mar jiddifendi lil martu u l-hbieb tal-kwerelanti daru ghalih u bdew isawtuh.

Rosette Borg ma setetx tispjega kif Zammit sofra ksur tal-kustilji.

WPC 124 ikkonfermat l-istqarriji document JA1 u JA2.

PS 827 Grech ikkonferma ix-xhieda tal- Ufficjal Prosekutur, li ezebixxa l-okkorenza DOK PS1, c-certifikat mediku tal- imputat Pace DOK PS2 u certifikat mediku ta Martin Zammit DOK PS3 li indika frattura tad-disa kustilja u tal-ewwel *metacarpal*.

Gie esebit ukoll certifikat mediku ta Alfrida Pace DOK PS4 u dak ta Rosette Borg DOK PS5 li indikaw griehi ta natura hafifa.

A fol 37 Dr. Sharon Zammit ikkonfermat ic-certifkat PS 3 u l-fratturi hemm indikati u iddikjarat illi l-griehi kienu gravi per durata minhabba il-frattura fil-kustilja u mhux minhabba li kien hemm xi biza ta’sfregju.

PC420 Jean Farrugia ikkonferma li ircieva r-rapport tal-glieda li sehhet fid-data lok u hin citat fl-akkuza.

Martin Zammit ikkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, stqarr li kien hemm gemgha nies li kienu qed jiggieldu fejn il-karozza tal-gharus tat-tifla tieghu u beda jibza illi kienet se ssir xi hsara fuq din il-karozza. Bintu kienet indirizzat lil dawn in-nies u qaltilhom biex iwarbu. Illi minn hemmhekk hargu erbgha minn nies ghal bintu, u Zammit mar jaqbez ghaliha, kien hemm illi qabdu ituh.

Zammit jghid illi n-nisa aggredewh u gharaf lill- imputati Alfrida Pace u Rosetta Borg. Mitlub jispjega kif qabdu ituh n-nisa, l-kwerelanti a fol 46 u 47 ma tantx seta jaghti spjegazzjoni. Ikkonferma ic-certifikati rilaxxati lilu u esebiti in atti. A fol 48 Martin Zammit hafer lil imputati.

Mary Zammit ikkonfermat ix-xhieda ta zewgha; Spettur Agius pprezenta DOK JAX sentenza konfront ta’ Rosette Borg.

Antoinette Zammit a fol 60 ikkonfermat ix-xhieda ta Martin Zammit u xhedet li Simon Pace ma mess lil hadd (Ara a fol 61) u li rat biss lil ommha cirkundata minn tlett nisa.

Antoinette Zammit xhedet illi hija kellha biss zewg girfiet .

Melvin Zammit a fol 63 xhed illi huwa mar biex inehhi l-karozza il ghaliex kien hemm xi nies li kienu qed jillitikaw hdejha, dahal gewwa fit-toilet tal- bar, u meta hareg barra ra lil kulhadd jaghti u indika lil imputat Simon Pace. Melvin Zammit xhed li wara dan, ha lil missieru l-isptar.

Emanuel Busuttil ma seta jitfa ebda dawl fuq il-glieda mertu tal-akkuza.

L-imputat Simon Pace ikkonferma illi l-glieda bdiet meta n-nisa li kienu ma Martin Zammit qalulhom biex iwarrbu minn mall-karozza taghhom; u offendewhom, martu offendiethom lura, u Martin Zammit ta daqqa ta ponn lil martu . Illi min hemm mar jigri biex jiddifendi lil martu. Kif resaq lejn Zammit, l-istess Melvin Zammit u xi erba ohra , aggredewh, tefawh mal-art u bdew ituh bis-siq.

In kontro ezami kien stqarr li huwa kien xorob xi sitt grokkijiet dak il-lejl. Huwa xhed illi huwa ma sawwatx lil Zammit imma seta imbuttah biex jaqalghu minn fuq martu. Ikkonferma ic-certifikati medici tieghu u ta martu.

Alfrida Pace ikkonfermat ix-xhieda ta zewgha, kif giet insulentata mill-grupp ta nies li kienu mal-kwerelanti, kif Martin Zammit kien capcpilha daqqa ta ponn u kif spiccat bi *black eye.*

Rosette Borg, oht Alfrida Pace, ikkonfermat x-xhieda ta Simon Pace. Ikkonfermat illi dawn in-nies li kienu ma Martin Zammit qabduha minn xgharha u gibduha u qattawlha l-flok. Ikkonfermat illi kienet hadet xi tlett grokkijiet dak il-lejl.

Karen Borg xhedet illi dak in nhar tal-incident hija kienet gewwa s-Sea Side Bar u harget biss wara li bdiet il- glieda

u rat biss konfuzzjoni u gegwigija ta nies u xi erbgha mir-ruh fuq Simon Pace.

Kim Ciantar xhed illi meta bdiet il-glieda huwa kien fuq il-parti ta gewwa tal- bar u li meta hareg, ra hafna nies fuq Simon Pace, beza, u mar jghajjat ghal ghajjut.

Josphine Borg ukoll kienet fuq il-parti ta gewwa tal-hanut u rat gegwigija ta nies fuq Simon Pace u lil bintha Frida bi hwejjigha imqatta.

Ikkonsidrat :

Illi mill- assjem tal- provi migjuba a konjizzjoni ta din il-Qorti, huwa evidenti illi l-glieda bdiet bl-imgieba hazina ta l-istess Martin Zammit li kien il-persuna, li wara li gew skambjati diversi insulti bejn in-nisa taz-zewg gruppi, mar icapcap daqqa ta ponn lil Alfrida Pace bil-konsegwenza illi l-**imputat Simon Pace mar jiddefendi lil martu kif del resto ghamlet ukoll Rosetta Borg.**

Dan qed jinghad il-ghaliex mhuwiex kredibbli Martin Zammit **meta ma jaghti ebda spjegazzjoni ta kif bdiet il-glieda** u kif sehhu il-griehi li garrab. Din il-Qorti tgharraf illi l- verzjoni tal-imputat Simon Pace u z-zewg ko imputati kienu konsistenti u dana ai tempo vergine mill-istqarriji tal-istess imputati. Illi di piu, il-kwerelant Martin Zammit fl-ahhar parti tax-xhieda tieghu ghazel illi jahfer lil Simon Pace u ma kien qed jippretendi xejn mill-imputati kollha.

L-imputat Simon Pace invoka l-eccezzjoni ta legittima difesa ta martu Alfrida.

Fis-sentenza pronuncjata minn l-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta’ Awwissu 1998 gie ritenut is-segwenti:

*Mhux kull min “jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista’ jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar “il-bzonn attwali ta’ difiza legittima” ta*

*dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti**, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes** meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat**, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."***

Illi din il-Qorti tqis illi l-aggressjoni ta Martin Zammit meta mar fuq Alfrida Pace u aggrediha permezz ta daqqa ta ponn f'wiccha, kienet wahda ingusta, gravi u inevitabbli specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li **tali aggressjoni kienet inflitta sabiex tigi prottetta karozza**. Illi l-azzjonjijiet ta Simon Pace ma dehrux illi eccedew il-proporzjonalita fil-mizuri li ittiehdu minnu biex jeghleb l-aggressjoni ta Zammit fuq martu Alfrida u ghaldaqstant ma jidhirx illi l-imputat Simon Pace hareg barra mill-limiti imposti mill-bzonn attwali ta tali difiza.

Illi di piu hemm provi konfrigenti dwar is-sehem taz-zewg imputati nisa l-ohra li aktar jidher li gew aggrediti milli jidhru li kienu l-aggressuri.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lil Alfrida Pace u Rosette Borg mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom, issib lil imputat Simon Pace mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal raguni ta legittima difiza ta martu Alfrida Pace u dana skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------